MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-19 ta' April, 2012

Appell Civili Numru. 40/2011

**Arbitragg Numru M1944/2009.**

**Joseph Ciscaldi ezercenti l-kummerc taht l'isem Butterfly Car Rentals**

**vs**

**Nicholas Camilleri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fil-25 ta' Ottubru 2011 l-Arbitru Dr. Lennart Depasqaule ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

*"1. L-Arbitragg jirreferi ghal-danni kkagunati fll-vettura tal-marka Peugeot 607, bin-numru ta' registrazzjoni DAK 995, waqt illi l-vettura kienet mikrija mir-rikorrenti lill-intimat.*

*2. Permezz tal-Avviz tal-Arbitragg u t-Talba bil-Miktub relattivi, ir-rikorrenti talab illi l-intimat jigi kkundannat ihallsu s-somma globali ta' €8,918.57c, rapprezentanti rimbors ta' danni kagunati mill-intimat fil-vettura tal-marka Peugeot 607, bin-numru ta' registrazzjoni DAK 995, propjeta' tar-rikorrenti, meta din kienet mikrija lill-intimat, u loss of use konsegwenza tal-istess.*

*3. Permezz tar-Risposta tieghu, l-intimat eccepixxa; (a) illi bla pregudizzju ghall-oggezzjonijiet dwar il-kompetenza ta' dan it-Tribunal, l-intimat huwa residenti gewwa l-Inghilterra, u ilu hekk residenti ghal zmien twil, u ghaldaqstant in-notifika lilu tal-proceduri odjerni hija rregolari, (b) illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, (c) illi huwa mhuwiex responsabbli ghad-danni allegati, stante li qatt ma kkawza l-ebda hsarat lill-karozza. Inoltre,* ***inkwantu*** *jirrigwarda l-gurisdizzjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg, l-intimat eccepixxa illi; (i) it-talbiet tar-rikorrent huma ta' natura li jidhlu fil-kompetenza esklussiva tal-qrati ordinarji u (ii) din il-procedura ta' arbitragg mandatorju hija anti-kostituzzjonali kif gie dikjarat mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) permezz tas-sentenza taghha tad-29 ta' Mejju 2009 fl-ismijiet Joseph Muscat vs Onor. Prim. Ministru et (Rik. Nru. 41/2008), u ghaldaqstant ma tista' tipproduci l-ebda effett bejn il-partijiet.*

*4. Illi in kwantu jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni, ossija dik dwar l-irregolarita' fin-notiflka tal-proceduri odjerni lill-intimat, din giet sorvolata permezz tal-verbal tad-difensur tal-intimat, waqt l-ewwel seduta mizmuma fit-28 ta' Settembru 2009. In kwantu jirrigwarda t-tieni eccezzjoni taht il-kap tal-oggezzjonijiet dwar il-gurisdizzjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg, tali eccezzjoni giet irtirata kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-11 ta' Novembru 2010.*

*5. Illi waqt is-seduta tad-19 ta' Jannar 2011, ir-rikorrenti talab illi tinghata decizjoni preliminari dwar l-ewwel eccezzjoni tal-intimat, taht il-kap tal-oggezzjonijiet dwar il-gurisdizzjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg, ossija illi it-talbiet tar-rikorrent huma ta' natura li jidhlu fil-kompetenza*

*esklussiva tal-qrati ordinarji, liema talba giet milqugha u ghalhekk id-decizjoni odjerna hija limitata ghal din l-eccezzjoni.*

*6. Illi l-Arbitru ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet.*
*7. Kif jirrizulta mill-atti promotorji u mix-xhieda tar-rikorrenti, il-vertenza odjerna skaturiet minn kirja tal-vettura Peugeot 607 (DAK 995) da parte tar-rikorrenti lill-intimat. Skont ir-rikorrenti, l-intimat kien saq il-vettura bla zejt u konsegwentement ikkaguna hsara konsiderveoli fl-istess vettura, b'dan illi l-intimat ghandu jirrimborsah ghall-ispejjez inkorsi mir-rikorrenti sabiex il-vettura tissewwa u ghat-telf ta' qligh, waqt illi l-istess vettura kienet bil-hsara.*

*7. Konsiderazzjonijiet*

*Jirrizulta mill-atti u pacifiku bejn il-partijiet, illi d-danni reklamati permezz tal-proceduri odjerni, ma humiex konsegwenza ta' kollizjoni bejn vetturi jew hsara kkagunata minn vettura fi propjeta` ohra, izda jiskaturaw minn danni allegatament kkawzati minn sewwieq, fil-vettura stess minnu misjuqa.*

*Dak illi l-Arbitru ghandu jiddeciedi dwaru f'dan l-istadju, huwa jekk danni subiti f'vettura u d-danni konsegwenzjali tal-istess, li ma humiex naxxenti minn kollizjoni ma' vettura ohra u l-anqas ma gew ikkawzati minn vettura ohra, jaqghux fil-parametri u kwindi l-kompetenza/gurisdizzjoni mandatorja tat-Tribunal tal-Arbitragg, ai termini tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Skont ir-Raba' Skeda (Artikolu 15) tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta, li jirreferi ghal arbitraggi mandatorji:*

*"1.2 Tilwimiet dwar it-Traffiku ta' Vetturi bil-Mutur.*

*Kull tilwima civili jew kummercjali, li ma tkunx wahda li jkollha x'taqsam ma' talba ghal danni ghal hsara fil-persuna, li tkun tilwima li torigina minn:*

*(a) kollizjoni bejn vetturi, jew*

*(b) hsara involontarja fil-proprjeta` li tinvolvi l-vetturi, jew*

*(c) talba bhal dik kontra assiguratur awtorizzat, kumpannija assiguratrici fuq il-hajja, underwriter approval mill-Ministru responsabbli ghat-trasport jew persuna ohra li skont l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104) jew xi polza ta' assigurazzjoni, tista' tkun responsabbli dwarha, u*

*(d) li l-valur taghha ma jkunx jeccedi l-hdax-il elf u sitt mija u sitta u erbghin ewro u sebgha u tmenin centezmu (11,646.87)."*

*Id-divergenza bejn il-partijiet hija dwar l-interpretazzjoni tal-artikolu 1.2 (b) fuq citat. Ir-rikorrenti bazikament jirritjeni illi tali disposizzjoni tinkludi kwalsiasi hsara relatata ma' vetturi, hi x'inhi l-kawza, u f'dan ir-rigward ghamel ukoll riferenza ghal sentenza tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar (**Thomas Smith Insurance Agency Limited noe et vs Mario Borg et** - deciza fid-9 ta' Lulju 2008), filwaqt illi l-intimat jirritjeni illi l-legislatur kien qed jikkontempla biss hsara kkawzata lill-propjeta' ta' terzi bl-uzu ta' vettura u in sostenn tal-argument tieghu, ghamel ampja riferenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), (**Middlesea Insurance pic. et vs Gevimida Limited** - decisa fit-23 ta' Ottubru 2009).*

*Kif gustament rilevat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq imsemmija, "l-arbitragg prospettat taht ir-Raba' Skeda hu wiehed mandatorju impost mill-legislatur fil-kazijiet eccezzjonali hemm prospettati, ossija dwar tilwimiet dwar Condominium (subparagrafu 1.1) u tilwimiet dwar it-Traffiku ta' Vetturi bil-Mutur (subparagrafu 1.2). Trattasi ta' procedimenti, ta' indoli koercitiva, l-istess ghandhom jircievu interpretazzjoni ristrettissima. Dan qed jigi rilevat in kwantu l-interpretazzjoni ta' ligi ghandha tkun dejjem konsona mar-raguni u, f'dan il-kaz, ma jidhrux li huma ragonevoli, propju f' materja eccezzjonali u ta' imposizzjoni mandatorja, illi jigu ammessi estensjonijiet ta' kontroversji li l-istess legislatur ma kkontemplax." Galadarba tali disposizzjonijiet ghandhom jigu interpretati*

*b'mod ristrettissimu, fil-fehma tal-Arbitru, l-interpretazzjoni tad-disposizzjoni 1.2 (b) ghandha tkun fis-sens illi din tipprovdi biss ghal hsara fi propjeta' kkagunata* *<u>minn</u>* *vetturi. Li kieku l-intenzjoni tal-legislatur ghal tali artikolu, kienet li jinkludi kwalsiasi hsara li tista' ssofri vettura, id-dicitura relattiva kienet tkun semplicement 'hsara involontarja f' vettura'.*

*Fil-fehma tal-Arbitru, peress illi d-disposizzjoni 1.2 (a) taghmel riferenza ghal kollizjoni* *<u>bejn vetturi,</u>* *permezz tad-disposizzjoni 1.2 (b), partikolarment bl-ghazla tal-kliem* *<u>"fil-propjeta`</u>* *li tinvolvi vetturi" (sottolinea mizjuda), il-legislatur ried jiddistingwi 'propjeta` minn 'vetturi', b'dan illi ried ikopri hsara kkagunata* *<u>minn</u>* *vetturi f'<u>propjeta</u>`. Tali interpretazzjoni tohrog b'mod iktar car meta wiehed jara d-disposizzjoni relattiva fit-test ingliz - "any involuntary damage to property involving vehicles". Jekk l-intenzjoni tal-legislatur kienet li jkopri kwalsiasi hsara relatata ma' vetturi, it-test kien ikun "any involuntary damage to vehicles".*

*Li kieku l-intenzjoni tal-legislatur kienet dik kif prospetta mir-rikorrenti, ifisser illi kwalsiasi hsara involontarja, bl-iktar mod ampju, li tikkoncerna vettura, ghandha tkun soggetta ghal arbitragg mandatorju. Fil-fehma tal-Arbitru dan ma huwiex il-kaz. Il-kriterju applikabbli ghal tali disposizzjoni, interpretata ristrettivament, mhuwiex kwalsiasi danni relatat ma' vetturi, hi x'inhi il-kawza, izda danni kkawzati minn vetturi fi propjeta` ohra.*

*Fin-nota tieghu, ir-rikorrenti gustament irrileva illi fis-sistema gurdika lokali, ma hemmx imhaddan il-principju tal-precedent u f'dan ir-rigward ghamel ukoll riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet* **Romea Giulia Fenech-Pace** *vs* **Francis Scibberras (***Decisa mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' April 1964 (konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Jannar 1965)-Kollezz. Vol. XLIX-I-148.***)** *fejn gie ritenut: "Kull gudikant huwa responsabbli tal-interpretazzjonijiet li huwa jpoggi fuq it-test tal-ligi. L-awtorita` tal-gurisprudenza (qawwija kemm hi qawwija) tezisti 'de facto' u bhala materja ta' perswasjoni u mhux 'dejure' bhala 'binding authority'; u din l-awtorita^ kifjghid H-*

*Professur Sir Carleton Kemp Alien f'Law in the Making (Oxford University Press 1961 Edit. P. 179, fejn jikkompara s-sistema ingliza mas-sistema kontinentali) ma tigix minn sentenza wahda anke tal-oghla tribunal imma minn kurrent ta' decizjonijiet li huwa 'so strong that it has settled into judicial practice or Custom of the Court'. Il-gudikant jista` jinvoka, in sostenn tal-konkluzjonijiet tieghu, il-prattika kostanti tal-Qrati jew l-Opinjoni ta' Kommentaturi akkreditati imma ma jistax jistahba wara awtorita` estranea ghalih.*

*Pero` dwar l-interpretazzjoni legali mertu tal-proceduri odjerni, fl-ewwelnett jinghad illi ma hemmx 'kurrent ta' decizjonijiet' jew 'prattika kostanti' fdan ir-rigward. Inoltre, l-Arbitru huwa tal-fehma illi l-interpretazzjoni gusta tad-disposizzjoni 1.2(b) hija dik illi tkopri biss l-eventwalita" ta' hsara kkawzata fi propjeta' minn vetturi, u mhux kwalsiasi hsara rizultanti f'vettura, hi x'inhi l-kawza. Ghaldaqstant, danni kkagunati f'vettura mill-uzu allegatament abbuziv tal-utent tal-istess vettura, ma jaqghux fil-parametri tar-rekwiziti ghal arbitragg mandatorju ai termini tar-Raba' Skeda tal-Att Dwar l-Arbitragg u konsegwentement tesorbita mill-kompetenza tal-istess.*

*8. Konkluzjonijiet:*

*Ghal dawn il-motivi l-Arbitru jiddikjara illi qed jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimat taht il-kap tal-oggezzjonijiet dwar il-gurisdizzjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg, ossija illi it-talbiet tar-rikorrent huma ta' natura li jidhlu fil-kompetenza esklussiva tal-qrati ordinarji, stante illi ma' jinkwadrawx ruhhom taht id-disposizzjonijiet ta' arbitragg mandatorju ai termini tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta, u konsegwentement jiddikjara l-inkompetenza ratione materiae tat-Tribunal tal-Arbitragg li jiehu konjizzjoni tat-talbiet odjerni u ghalhekk jastjeni milli jkompli s-smigh tal-istess arbitragg.*

*In vista tan-natura validament dibattibbli tal-principju mertu tal-proceduri odjerni u tenut kont ukoll illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell, li ghaliha saret riferanza aktar 'l fuq, inghatat wara li gew intavolati l-proceuri*

*odjerni, l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet."*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Ciscaldi ezercenti l-kummerc that l-isem ta' "Butterfly Car Rentals" datat 7 ta' Novembru 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

Rat ir-risposta tal-appell ta' Nicholas Camilleri kif rapprezentant minn Dr. Paul Micallef Grimaud bhala mandatarju specjali tal-istess Nicholas Camilleri datata 24 ta' Novembur 2011 a fol 22 tal-process fejn sostna ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tal-Arbitru hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Rat li din l-appell kien appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-23 ta' Frar 2012.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-23 ta' Frar 2012 fejn meta ssejjah l-appell deher l-appellant assistit min Dr. Vincent Galea u l-Avukat Paul Micallef Grimaud ghall-appellat. L-avukati trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza indifett ta' ostakolu ghad-19 ta' April 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tal-Arbitru fl-ismijiet premessi datata 25 ta' Ottubru 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li l-kaz odjern fejn qed jigi allegat li l-intimat kkawza hsara negligentement fil-vettura Reg. No. DAK 995 proprjeta' tal-attur, waqt li din kienet mikrija ghand l-intimat, u allura l-attur appellant qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas danni fl-ammont ta'

€8,918.57, u qed jikkontendi li din taqa' fil-kompetenza/gurisdizzjoni mandatorja tat-Tribunal tal-Arbitragg skond id-dispisizzjonijiet tal-**Kap. 387** li fl-arikolu 15 jirreferi ghar-Raba' Skeda u senjatament ghall-paragrafu 1.2 (b) li dwar "Tilwimiet dwar it-Traffiku ta' Vetturi bil-Mutur" li jindika bhala suggetti ghal tali kompetenza *"Kull tilwima civili jew kummercjali li ma tkunx wahda li jkollha x'taqsam ma talba ghal danni ghall hsara fil-persuna, li tkun tilwima li torigina minn:-*

*(a) kollizzjoni bejn vetturi, jew*

*(b) hsara involontarja fil-proprjeta' li tinvolvi vetturi, jew.....*

*(c) omissis, u*

*(d) li l-valur taghha ma jkunx jeccedi l-hdax-il elf u sitt mija u sitta u erbghin euro u tmenin centezmu (11,646.87)".*

Illi mill-provi prodotti l-allegazzjoni hija li waqt li l-intimat kellu fil-pussess il-vettura tal-appellant huwa b'negligenza kkawza hsara fl-istess u allura ma hemm ebda dubju li l-mertu odjern ma jittrattax kollizzjoni bejn vetturi izda hsara li giet ikkawza fil-vettura mill intimat minhabba negligenza da parte tieghu wara li laqtilha *s-sump* u dan kollox kif jirrizulta minnu allegat fl-affidavit tieghu mmarkat bhala Dok. "KCX".

Illi din il-Qorti thoss li l-kliem tal-Ligi huwa car fis-sens li fejn hemm hsara fuq proprjeta' li tikkonsisti f'vettura u liema hsara qed jigi allegat li giet ikkawzata involontarjament mela allura tali mertu huwa suggett ghall arbitragg mandatarju skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1.2 (b) tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387** u dan stante li tali disposizzjonijiet mhux limitati biss ghall hsara ikkawzata fil-vetturi kawza ta' kollizzjoni bejn tnejn jew aktar, li huwa kopert bl-**artikolu 1. 2 (a) tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387,** izda wkoll ghall hsara fil-proprjeta' li tikkonsisti f'vettura mbasta kkawzata b'mod involontarju u dan kif indikat proprju fl-**artikolu 1.2 (b) tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387.**

Illi ghal din il-Qorti l-kliem stess tal-Ligi huwa car fih innifsu u ma hemmx bzonn li tirreferi ghal xi att iehor hlief il-ligi stess u la darba l-kliem stess huwa car, mela allura ghandha tittiehed fis-sinifikat naturali taghha *ut sic* u xejn izjed. Ma hemmx dubju li fl-imsemmi **artikolu 1. 2 (b) tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387** ma hemmx riferenza ghall kollizzjoni bejn zewg vetturi (kif hemm fl-**artikolu 1. 2 (a),** u kull ma jirreferi l-imsemmi artikolu huwa li bizzejjed ikun hemm hsara fi proprjeta' li tikkonsisti f'vettura – l-element ta' kollizzjoni bejn vetturi mhux rikjest f'dan is-subartikolu, u ghalhekk hemm distinzjoni bejn l-**artikolu 1.2. (a) u (b)** tal-imsemmija Skeda.

Illi f'dan il-kuntest, dejjem bir-rispett dovut din il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjoni raggunta fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **"Middlesea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurar taghha l-Avukat Dottor Theresa Comodini sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Avukat Dottor Theresa Comodini vs Gevimida Limited"** (A.I.C. (PS) – 23 ta' Ottubru 2009). Din ma hijiex kwistjoni ta' interpretazzjoni stretta o meno tal-Ligi, izda hija interpretazzjoni ta' dak li tghid il-ligi b'mod car peress li l-kliem uzat huwa skjett fih innifsu u ghandu t-tifsira naturali tieghu, u allura kemm jinqara u dak li jfisser jigi applikat. Hekk allura fl-imsemmi subartikolu ma hemm ebda rekwizit li sabiex hsara fil-vettura taqa' taht ir-regim ta' arbitragg mandatarju hem bzonn li jkun hemm kollizjoni jew involviment ta' zewg vetturi, b'dan li l-hsara kkawzata fil-vettura tkun rizultat ta' impatt ma` vettura ohra. Dan qed jinghad ghaliex l-**artikolu 1.2. (b)** tal-imsemmija Skeda mkien ma jsemmi dan, u allura dan lanqas biss kellu b'xi mod jigi kkonsidrat jew koncepit. Lanqas hemm bzonn li ssir riferenza ghad-dibattiti parlamentari ghaliex f'dan il-kaz il-ligi hija cara u l-intenzjoni tal-Legislatur hija manifestata u espressa fil-Ligi stess, li fil-verita' ma jhalli l-ebda lok ghal dubju dwar is-sinifikat tieghu li huwa konformi f'dan il-kaz ma` dak li gie deciz mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fil-kawza fl-ismijiet **"Thomas Smith Insurance Agency Limited nomine vs Mario Borg et"** (TTZ – (ISB) – 9 ta' Lulju 2008 li b'mod telegrafiku spjega s-sitwazzjoni hekk:-

*"Minn naha l-wahda l-iskeda titkellem fuq kollizzjoni bejn vetturi (1.2.a) u minn naha l-ohra titkellem dwar hsara involontarja ohra li pero' tinvolvi vetturi (1.2. b) – u minkejja din id-distinzjoni, l-iskeda tpoggi, fil-parametri hemmhekk msemmija, l-obbligu tal-gurisdizzjoni fuq l-Arbitragg fi kwalunkwe miz-zewgt kazijiet. F'dan il-kaz il-gurisdizzjoni ta' l-Arbitragg hija esklussiva u kwistjonijiet li jaqghu taht kwaliasi mis-sub-incizi msemmija ghandhom jigu determinati mill-Arbitragg".*

*"Il-kwistjoni dwar jekk il-vetturi humiex in motion jew le mhix importantio. L-importanti huwa illi sakemm si tratta ta' hsara fuq vettura u ma tinvolvix hsara fuq il-persuna u taqa' fil-limitu ta' Euro 11,646.87, allura l-gurisdizzjoni tat-tilwima taqa' fil-kompetenza esklussiva ta' l-arbitragg".*

Illi ma hemmx lanqas dubju li l-principju tal-precedent ma huwiex parti mill-Ligi nostrali u dan jirrizulta car mis-sentenzi **"Robert Butler vs Lieutenant Colonel John Philip d'Estoeville Shipwith nomine"** (P.A. (JCC) – 18 ta' Marzu 1964) u **"John Lowell nomine et vs Onor. Carmelo Caruana nomine et"** (P.A. – 14 ta' Awwissu 1972).

Illi l-kwistjoni hija differenti f'kaz li jigi deciz b'*res judicata* minn Qorti ta' kompetenza Kostituzzjonali li hemm disposizzjoni legali li tmur kontra d-drittijiet fundamentali tal-Bniedem u ghalhekk ligi tigi hekk dikjarata nulla u bla effett u dan ghaliex hawn japplika dak li nghad fis-sentenza **"Paola Vassallo vs Marija Dalli"** (P.A. (RCP) – 30 ta' Ottubru 2008) u cjoe':-

*"Illi din il-Qorti thoss li la la darba tali disposizzjonijiet tal-ligi citati mill-konvenuta gew ddikjarati nulli u bla effett u dan ghaliex jiksru d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, u tali sentenza ghaddiet in gudikat, in vista tal-**artikolu 6 tal-Kostituzzjoni** din il-Qorti ma tistax tapplika l-istess u dan peress li tipprevali l-istess Kostituzzjoni, u fejn l-istess ligi hija inkonsistenti ma' dan, dik il-ligi skond l-istess artikolu ghandha tigi kkonsidrata bhala nulla u bla effett u dan independentement mil-fatt jekk l-organu legistlattiv jiehux il-passi sabiex jnehhi l-istess ligi jew jevita tali ksur.*

*Dan qed jinghad anke fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-* ***artikolu 242 tal-Kap. 12*** *fuq citat li gie applikat ukoll mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali meta l-kawza citata marret dezerta fis-16 ta' Ottubru 2006, u allura d-decizjoni ghaddiet in gudikat. Fil-verita' dan kollu juru li l-Kostituzzjoni u l-artikoli dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem huma l-ghola ligi fil-pajjiz u artikoli citati huma konferma tal-istess. Din il-Qorti bir-rispett thoss li hija doveruz ghaliha li tapplika l-istess disposizzjoni tal-Kostituzzjoni, u dan kemm sabiex tigi segwieta l-istess Kostituzzjoni u wkoll ghaliex thoss ma jistax ikun hemm sitwazzjoni fejn ligi tigi ddikjarata nulla ghaliex tmur kontra d-drittijiet tal-bniedem u allura ma tkunx applikabbli bejn xi persuna, u minn naha l-ohra jkun hemm decizjoni fejn tapplika l-istess ligi ghall persuni ohra – u dan iktar u iktar fejn il-ligi ghandha tkun l-istess u applikabbli ghall-kullhadd u dan in omagg ukoll ghall-Rule of Law. Dan iktar u iktar meta ligi tigi ddikjarata mill-Qorti fil-kompetenza taghha kostituzzjonali bhala nulla u bla effett u allura l-istess ligi ma tistax, minhabba d-disposizzjonijiet stess tal-istess Kostituzzjonali, ma tibqax izjed applikabbli u dan erga omnes. L-argument l-iehor johloq ligi ghall xi persuni u ligi ohra ghall-persuni ohra – haga li mill-punto di vista legali u iktar f'ambitu ta' protezzjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem lanqas ghanda tigi kkunsidrata ghaliex tohloq incertezza u ingustizzja manifesta. Kien fuq dan il-binarju li nghatat is-sentenza wkoll fuq dan il-punt fl-ismijiet* ***"Maria Azzopardi vs Saver Sciortino"*** *(P.A. (RCP) – 31 ta' Jannar 2007)".*

Illi dan ma huwiex il-kaz odjern u dan qed jinghad fid-dawl tad-decizjoni fl-ismijiet **"H. Vassallo Ltd & Sons Ltd. vs Avukat Generali et"** (Q.K. – 30 ta' Settembru 2011) li pero' kienet titratta tilwima taht l-**artikolu 1.3 tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387.** Dan l-insenjament allura ma jmissx l-artikolu 1.2 (b) **tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387.** Minn naha l-ohra d-decizjoni fl-ismijiet **"Joseph Muscat vs l-Prim Ministru et"** (Q.K. – 6 ta' Settembru 2010) kellha ezitu differenti u rrevokat id-decizjoni tal-Ewwel Qorti. Mela allura f'dan il-kuntest u f'din il-kompetenza din il-Qorti tieqaf hawn.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appellat datata 24 ta' Novembru 2011 ghaliex hija nfondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-appell interpost mill-appellanti fir-rikors tal-appell tieghu datata 7 ta' Novembru 2011, u b'hekk tannulla u thassar ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi d-decizjoni ta' l-Arbitru fl-ismijiet "Joseph Ciscaldi ezercitanti l-kummerc taht l-isem Butterfly Car Rentals vs Nicholas Camilleri" (Arbitragg Numru M1944/2009) datata 25 ta' Ottubru 2011, b'dan li minflok tichad l-ewwel eccezzjoni tal-appellat fejn eccepixxa li t-talbiet tar-rikorrent huma ta' natura li jidhlu fil-kompetenza esklussiva tal-qrati ordinarji, u minflok tiddikjara li t-talbiet tal-appellanti jaqghu fil-kompetenza tat-Centru dwar l-Arbitragg ta' Malta, u allura suggetti ghall-arbitragg mandatarju skond id-disposizzjonijiet tal-istess Kap. 387 kollox kif hawn deciz, u ghalhekk din il-Qorti tirrimetti lura l-atti lil Arbitru li qed jisma' l-istess kaz odjern sabiex fid-dawl ta' din id-decizjoni jiddeciedi l-mertu tal-kaz fil-kuntest tat-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet l-ohra tal-appellat sabiex il-kaz jigi finalment deciz skond il-Ligi.**

**Bl-ispejjez ta' dan l-appell ghall-appellat Nicholas Camilleri.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------